# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum l-28 ta' Lulju 2020**

Appell numru 66 tal-2018

**Il-Pulizija**
**vs**
**Anthony TANTI**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-20 ta' Frar 2018 fil-konfront ta' Anthony TANTI detentur tal-karta tal-identità bin-numru 772755M fejn ġie mixli talli fit-31 t'Awissu 2016 għall-ħabta ta' 18:12 bil-vettura AAB429 fi Triq l-Imdina, Ħal-Qormi:

a. Kellu vettura bil-mutur fit-triq, kemm jekk ipparkjata kemm jekk tintunża, mingħajr liċenza għaċ-ċirkolazzjoni valida, jew

permess għaċ-ċirkolazzjoni validu jew diska ta' liċenza temporanja valida, maħruġa mill-Awtorita;

b. Bħala sid jew xufier tal-vettura imsemmija naqas li jara li jkollha dejjem u f'kull żmien liċenza taċ-ċirkolazzjoni maħruġa mill-Awtorita għat-Trasport ta' Malta;

c. Uża, ġiegħel jew ħalla lil persuna oħra li tuża vettura bil-mutur fit-toroq, kemm il-darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza tal-assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

d. Il-Prosekuzzjoni talbet l-iskwalifika tal-liċenzi tas-sewqan għal perjodu li l-Qorti jidhrilha xierqa.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-imputat appellant, mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni u minnha lliberatu filwaqt li sabitu ħati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u kkundannatu għal multa t'elfejn u sitt mitt euro, pagabbli mensilment.

3. Illi minn din is-sentenza, Anthony TANTI appella fejn talab it-tħassir tas-sentenza appellata u l-konsegwenti liberazzjoni tal-appellant minn kull ħtija u piena.

4. Semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell u rat l-atti u d-dokumenti kollha.

*Ikkunsidrat: -*

5. Illi qabel xejn din il-Qorti rat li l-appellant f'dan il-każ minkejja li huwa ġie liberat mill-ewwel imputazzjoni, minflok talab għar-riforma tas-sentenza appellanta, huwa talab għat-tħassir tagħha. Dan l-appell, għalkemm setgħa kien miktub b'mod aħjar, pero japplika għalih l-Att I tal-2018 u bl-applikazzjoni tal-artikolu 520 tal-Kodiċi Kriminali li jirrendi applikabbli l-artikolu 143 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tqis li l-istess rikors jissodisfa l-minimi rikjesti mill-Liġi għall-validita tiegħu.

*Ikkunsidrat : -*

6. Illi l-fattispeċi tal-każ per se mhumiex qed jiġu kkontestati mill-appellant. Hu jisħaq li hu ma kienx responsabbli għar-reati kontestati lilu u dan peress illi hu kien ilu li ttrasferixxa l-vettura in kwistjoni żmien qabel il-każ lil ċertu Frederick Dalli. Hu ma kienx għad għandu l-pussess ta' dik il-vettura u l-anqas kien jaf min hu Christian Cucciardi li ġie jixhed fil-Qorti. Huwa jgħid li dawn l-akkużi kellhom semmai jinħarġu kontra dak li kellu l-pussess effettiv tal-vettura in kwistjoni.

7. Illi l-appellant instab ħati tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu li huma regolati rispettivament taħt ir-regolament 14(3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 u l-artikolu 3(1) tal-

Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-regolament 14(3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 jinqara kif ġej:

> 14(3) Is-sid ta' kull vettura bil-mutur li tkun inħarġitilha liċenza għandu jara li, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti dwar is-sospensjoni, l-irtirar jew tħassir ta' liċenza, dik il-vettura jkollha dejjem u f'kull żmien liċenza ta'ċirkolazzjoni maħruġa mill-Awtorità:
>
> Iżda jekk sid ta' vettura bil-mutur, qabel ma tiskadi l-validità tal-liċenza relattiva, jgħarraf bil-miktub lill-imsemmija Awtorità li l-vettura ma tkunx se tintuża fit-triq għal perjodu ta' żmien li jibda fid-data tal-imsemmija skadenza u li tkun ser titqiegħed f'garaxx f'post speċifikat matul l-imsemmi perjodu li ma tkunx ser tintuża, u kemm-il darba wkoll l-imsemmi sid jagħti lill-imsemmija Awtorità ċ-ċertifikat relattiv tal-vettura bil-mutur u l-pjanċi tan-numru tal-vettura bil-mutur relattiva, l-imsemmi sid ma jkunx obbligat iġedded il-liċenza relattiva dwar l-imsemmi perjodu ta' żmien.

8. Mill-banda l-oħra l-artikolu (3) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta jinqara kif ġej:

> 3. (1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ħadd ma jista' juża jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.
> (1A) Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4).
> (1B) Tista' tingħata eċċezzjoni valida, fil-prosekuzzjoni ta' reat taħt is-subartikolu (1), mill-akkużat jekk iġib prova li r-reat ikun sar mingħajr ma huwa kien jaf bih u li jkun eżerċita kull diliġenza dovuta biex ma jħallix li r-reat isir.

9. Illi mid-dokumentazzjoni eżebita fl-atti minn Stephen Cachia, ir-rappreżentant tat-Trasport Malta, waqt ix-xiehda tiegħu quddiem din il-Qorti, jirriżulta li l-appellant kien għadu reġistrat bħala sid il-vettura in kwistjoni sal-ġurnata tal-lum. Ma rriżultax li l-appellant kien awtorizza t-trasferiment tal-vettura in kwistjoni peress illi m'hemm l-ebda firma tiegħu għal dan il-għan.

10. Kwindi l-Qorti tal-Maġistrati kienet korretta meta rriteniet illi t-trasferiment ma kienx sar u li l-appellant kien għadu s-sid tal-vettura – għalkemm meta seħħ dan il-każ l-appellant ma kienx għadu fil-pussess tal-imsemmija vettura. Il-Pulizija interċettaw lil ċertu Christian Cucciardi fil-pussess u fil-kontroll tagħha. Meta dan xehed quddiem din il-Qorti spjega illi ħuh Julian Cucciardi kien partat din il-vettura miegħu filwaqt li ma kienx jaf ħuh ma min kien partatha. Cucciardi ma jsemmi qatt lill-appellant bħala l-persuna li għaddiet il-vettura in kwistjoni lilu jew lil ħuh.

11. Filwaqt illi l-appellant jikkonferma li hu kien fil-pussess ta' din il-vettura f'xi żmien qabel, hu jgħid li kien biegħ din il-vettura lil ċertu Frederick Dalli. Dan Dalli ma ġie msemmi minn ħadd aktar ħliefu f'dawn il-proċeduri. L-appellant jgħid li hu kien għamel li seta' sabiex isir it-trasferiment wara li Dalli kellu jagħmillha l-assikurazzjoni. Dan qatt ma seħħ allavolja skond Cucciardi hu kien għadda xi flejjes, flimkien mal-pjanċi u l-logbook tal-vettura lil ħuh sabiex isir dan it-trasferiment.[1]

***Ikkunsidrat:***

12. Illi fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi proċesswali, l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant għal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni. Ir-

[1] fejn ta x'jifhem ukoll illi dan il-proċess ma kienx ser isir min ħuħ iżda li ħuħ kien ser jgħaddi dan kollu lil terza persuna li ma kinitx magħrufa minnu, fejn għal darb'oħra ma jimmensjonax lill-appellant.

responsabbilta' għat-tieni imputazzjoni tinkombi fuq is-sid jew fuq ix-xufier. M'hemmx il-ħtieġa illi persuna trid tkun fil-pussess attwali tal-vettura irregolari sabiex tassikura dak mitlub mill-liġi.

13. Mill-banda l-oħra pero, l-istess ma jistax jingħad għal dak li jirrigwarda t-tielet imputazzjoni. F'dan ir-rigward il-provi prodotti huma skarni għall-aħħar. Verament li l-appellant jgħid li t-trasferiment ma kienx sar u li huwa kien baqa' ma' Frederick Dalli biex dan imur jagħmel assikurazzjoni; iżda dan baqa' qatt ma deher għal dan il-għan. Mill-provi l-anqas huwa magħruf meta sar it-trasferiment materjali tal-vettura in kwistjoni lil terzi u b'hekk l-anqas ma jista` jiġi stabbilit jekk il-bejgħ tal-vettura sarx f'data meta kien għad hemm kopertura assikurattiva jew wara l-iskadenza tal-assikurazzjoni. Il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova soddisfaċentement li l-appellant kien ġiegħel jew ħalla lil persuna oħra tuża din il-vettura meta ma kienetx fis-seħħ polza tal-assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

## *Deċide*

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' in parte l-appell ta' Anthony TANTI u tirriforma s-sentenza appellata billi :

(a) tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellant mill-ewwel imputazzjoni;
(b) tikkonfermaha fejn sabitu ħati tat-tieni imputazzjoni;

(c) tħassarha f'dik il-parti fejn sabitu ħati tat-tielet imputazzjoni u minflok tiddikjarah mhux ħati mit-tielet imputazzjoni u b'hekk tilliberah minn kull ħtija, piena u konsegwenza dwarha;

(d) tħassarha fejn ikkundannatu għal multa t'elfejn u sitt mitt euro (€2600)

(e) u minflok kwantu għas-sejbien ta' ħtija fir-rigward tat-tieni imputazzjoni tikkundannah għal multa ta' sittin euro (€60).

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***